**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Joseph Galea**

Illum 16 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Galea, iben Charles u Mary nee' Sciberras, imwieled fil-10 ta' Ottubru, 1973 u residenti 26, Jostan, Triq ix-Xiber, Swieqi, detentur ta' karta tal-identita' 379390(M):

Talli fis-27 ta' Novembru, 2013, ghall-habta tas-18:45 hrs gewwa Triq tal-Ibragg kantuniera ma' Triq is-Siegh, Swieqi;

1. Saq vettura JBI 631 u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru GBM 573 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-danni ta' Melvin Grech.

2. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Melvin Grech skont kif iccertifika Dr Andrew Sammut M.D. mill- Mater Dei Hospital;

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li int tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat li nhar is-27 ta' Novembru 2013 gewwa Triq tal-Ibragg kantuniera ma' Triq is-Siegh, Swieqi saq il-karozza tieghu Reg Nru JBI 631 bi ksur tal-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali u li ghalhekk involontarjament kkaguna offiza ta' natura gravi fuq Melvin Grech u kkagunalu wkoll involontarjament hsara fuq il-mutur tieghu.

Illi in verita' l-versjonijiet moghtija mil-parte civile u mil-imputat ma tantx ivarjaw wisq minn xulxin. Melvin Grech[1] xehed li kien qieghed isuq Scooter Peugeot Sama GBM 535 niezel ghan-nizla fit-triq inkwistjoni. Hekk kif gie fil-parti tat-triq fejn hemm triq angulata hierga ghat-triq li kien qieghed isuq fiha huwa ra karozza tal-ghamla Smart hierga 'rih' u imbaghad l-imputat waqaf fuq l-istop sign u x'hin il-mutur misjuq minnu wasal quddiem il-karozza tal-imputat, l-imputat qala' ghal go fih ghaliex ma rahx. Fil-hin tal-incident kien se jidlam. In kontro-ezami Grech xehed li mal-impatt huwa spicca fuq il-bonnet u l-mutur in-naha l-ohra.

Min-naha tieghu l-imputat[2] xehed li huwa jghaddi mil-lok ta' fejn sehh l-incident kuljum ghaliex joqghod hemm. Huwa jixhed li jaf xi 'triq hemm tal-biza'. Jispjega li huwa waqaf biex johrog mis-side Street fejn hemm blind corner. Dak il-hin kien qieghed jidlam u hareg l-ewwel bicca biex jesplora t-triq. Ma ra lil hadd u kif ezatt hareg sema' xi haga u waqaf. L-imputat nizel, kellu xokk kbir fuqu aktar u aktar meta nduna li kien jaf lill-parte civile. Huwa jaf li kien hemm bozza maqtugha w allura

[1] Seduta tas-6 ta' April 2016
[2] Seduta tas-6 ta' April 2016

il-lok kien ftit mudlam. Bhala hsarat fuq il-karozza tieghu kwazi ma kellu xejn hekk kif jevidenzjaw ir-ritratti ezebiti.

Illi hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Natasha Mohnani**[3]

*"Illi kif dejjem gie ritenut , "ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, , hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ." (Kollez. Vol. XXXVI , iv . p.797 ). Gie ukoll ritenut li is-"side road user" ghandu dritt li jaqsam gol "main road" meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg , 12.11.1960 ) u li "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux." (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes, , Vol. XXXVII , iv. p. 1108)".*

Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina) vs Raymond Abdilla**[4] li dwar ir-responsabbilta' ta' l-imputat fis-sewqan tieghu, il-Highway Code jiddisponi fir-regolamenti 212 u 213:

***212. "Jekk ma jkunx muri xort'ohra, it-traffiku fit-triq principali ghandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun diehel, jew li jkun se jhalli t-triq principali."***

***213. "F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali."***

*Dana ifisser illi minor road user irid josserva tlett regolamenti importanti u cioe':*

1. *li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma jkunx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.*

[3] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fil-11 ta' Lulju 2002
[4] Deciza fil-5 ta' Frar 2014

2. *li jaccerta ruhu li ma ikunx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk ikun hemm traffiku, ikun tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma jkun bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku*
3. *li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod il-mod inching out u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku ighaddi.*

*Illi s-sinistru stradali mertu ta' dina l-kawza sehh f'salib it-toroq li huwa format minn triq principali li fiha l-utent ghandu r-right of way fuq kull traffiku iehor, u minn triq sekondarja li fiha l-utent hu obbligat li jaghti d-dritta lil min ikun qed isuq fit-triq principali. F'dan il-kuntest, allura, jassumi importanza determinati l-istop sign li jkun hemm fit-triq sekondarja. Dan mhux biss huwa indikattiv illi l-utent ta' dik it-triq ser jirfes fuq triq principali, izda ukoll ghaliex dak is-sinjal tat-traffiku jimponi obbligu fuq l-utent ta' dik it-triq li jieqaf sabiex jesplora it-traffiku fit-triq principali u ma jazzardax jirfes dik it-triq qabel ma jaccerta ruhu li ippermetta it-traffiku li ikun hemm f'dik it-triq li jghaddi jew inkella li ikun jista' jirfes it-triq principali minghajr ma jfixkel jew itellef b'xi mod l-utenti ta' dik it-triq."*

Illi d-difiza issollevat l-eccezzjoni li dan l-incident sehh minhabba *casus.* Din il-Qorti ma taqbilx. Mill-provi jirrizulta li d-dinamika tal-incident kienet li l-imputat, li jaf sew il-lok fejn sehh l-incident, jaf li huwa punt prekarju minn fejn tohrog ghat-triq principali. Jirrizulta mill-provi u mill-iskizz imhejji minn WPS 245 Kristina Delia li minn fejn hareg l-imputat minn fuq l-istop sign hemm blind corner. Huwa evidenti mill-iskizz li l-imputat hareg kemmxejn il-barra mill-istop sign biex jesplora t-triq u li huwa evidenti wkoll li ma kienx qieghed izomm a proper lookout ghaliex kieku zgur kien jara u jisma lill-mutur gej. Il-fatt li l-bozza ma kinitx qeghda tixghel ghalkemm m'ghenitx ic-cirkostanzi, madankollu l-imputat innifsu jghid li kien se jibda jidlam u li huwa kien xeghel id-dawl tal-vettura u kwindi b'dak id-dawl biss kien ukoll sufficjenti biex jara lill-mutur li ntlaqat proprju fin-nofs tieghu. Ma jirrizultax li l-imputat kien qieghed isuq b'xi speed eccessiv. Ghaldaqstant it-tieni imputazzjoni giet sodisfacjentement ippruvata billi jirrizulta li l-imputat saq bi traskuragni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li b'konsegwenza ta' din l-incident Melvin Grech sofra ksur f'dahru u ghadu bit-terapija sallum. Inoltre' Dr Alec Sultana kkonkluda li Melvin Grech garrab dizabilita' permanenti.

Ghalhekk in-natura tal-griehi sofferti taqa' fil-parametri tal-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni ossija li l-imputat ikkaguna involontarjament hsara involontarja din ma gietx ippruvata mill-provi prodotti, anzi lanqas sar accenn ghaliha.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u n-natura tar-reat u tqis li ghandha timponi multa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 225(1), 226(1)(a) u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tmien mitt euro (€800).

Inoltre tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat